**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**A.MICALLEF TRIGONA LL.D;MAG.JUR (EU LAW)**

**ILLUM 10 TA' MEJJU 2017**

Il-Pulizija
(Spettur Melvin Camilleri)

Vs

Jason Scerri

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 519779m akkuzat talli;

1. fil-24/05/2013 ghal habta tat-16.20hrs gewwa Triq Hal Far, Birzebbuga, saq vettura numru LCL 136 b'manjiera (a) traskurata, (b) perikoluza, (c) u bla kont;
2. u aktar meta b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaguna offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Mark Cortis skond kif iccertifika Dr. Simon Aquilina MD Reg 5321 mill-M.D.H.

Il-Prosekuzzjoni titlob lil Qorti li l-imputat jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal-perjodu ta' zmien li-l-Qorti Jidrilha xieraq.

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza issir sommarjament, mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Il-kawza titratta kollizjoni fi Triq Hal Far, Birzebbugia, bejn 'trukk bowser', numru ta' registrazzjoni LCL 136, u mutur, numru ta' registrazzjoni ABW 508. It-trukk misjuq mill-imputat u l-mutur minn certu Mark Cortis.

L-imputazzjonijiet jippotizzaw is-sewqan traskurat, perikoluz u bla kont, u l-offiza gravi involontarja, ikkagunata, konsegwenza tal-incident meritu din il-kawza.

Fil-konfront tal-offiza, l-entita' gravi taghha tirrisulta mir-rapport mediku tal-konsulent ortopediku Mr Alec Sultana u c-certifikat mediku rilaxxjat mit-tabib Simon Aquilina (vide fol 20 et seq u 15).

Dwar id-dinamika u r-responsabilita' ghall-incident jidher, anka mill-iskizz esebit (folio 11), li l-imputat, li kien niezel minn Hal Far ghad-direzzjoni tal-Oil Tanking, ghamel biex jiehu t-triq fuq il-lemin tieghu u sehhet il-kollizjoni fil-waqt li l-mutur habat mat-truck fuq il-left dual wheel'.

Il-parti leza ma tiftakar xejn ta' kif gara l-incident u l-ebda xhieda okkulari ma gew prodotti.

Fuq il-provi u d-dokumenti in atti, inkluz it-tlett ritratti esebiti, dawn ma jhallu ebda dubbju f'mohh il-Qorti li ghall-incident l-imputat mhuwiex hati. Ic-cirkostanzi kienu tali li l-konfigurazzjoni tat-triq kienet tippermetti lill-parti leza li jinnota t-trukk ferm qabel mal-istess ghamel il-manuvra biex iddur ghat-triq fuq il-lemin tieghu u b'hekk jevita li jahbat mat-trukk. In-nuqqas ta' "proper look –out" mhux imputabbli lill-imputat izda lis-sewwieq tal-mutur kif fuq kollox ghandu jkun evidenti mill-fatt li l-habta saret fuq ir-rota ta' wara tat-trukk li kien ta' dimensjonijiet kbar.

Ghaldqastant, ma ssibx l-imputat hati u tilliberah minn kull htija u piena.

A.M.Trigona
Magistrat